

32006R1423

L 269/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

28.9.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1423/2006

tas-26 ta' Settembru 2006

li jistabbilixxi mekkaniżmu għal miżuri adegwati fil-qasam tal-infiq agrikolu fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 2 tal-Att ta' Adeżjoni, id-dispożizzjonijiet tal-atti addottati mill-istituzzjonijiet qabel l-adeżjoni għandhom ikunu jorbtu lill-Bulgarija u lir-Rumanija u għandhom jaapplikaw f'dawk l-Istati taħt il-kondizzjonijiet stabiliti fit-Trattati u fl-Att imsemmi iktar 'il quddiem.
- (2) L-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri adegwati f'każ li l-Bulgarija jew ir-Rumanija jkunu naqsu milli jimplementaw l-impenji li jkunu ntrabtu bihom fil-kuntest tan-negożjati tal-adeżjoni, u jikkawżaw ksur serju tal-funzjonament tas-suq intern jew xi riskju imminenti ta' tali ksur.
- (3) L-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001¹ jobbliga lill-Istati Membri biex jistabbilixxu sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-'IACS'.

¹ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1156/2006 (ĠU L 208, 29.7.2006, p. 3).

- (4) Sa mill-adeżjoni tagħhom, il-Bulgarija u r-Rumanija huma obbligati li jkollhom fis-seħħi IACS sabiex tikkontrolla parti kbira mill-appoġġ agrikolu tal-Kommunità f'dawn l-Istati. Il-Kummissjoni kkonkludiet abbażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Bulgarija u r-Rumanija sad-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u abbażi tal-ispezzjonijiet tagħha stess li hemm riskju reali fir-rigward tal-eżistenza u l-operabbiltà tal-IACS f'dawn l-Istati.
- (5) Nuqqasijiet serji fl-IACS tal-Bulgarija u r-Rumanija jwasslu għal sitwazzjoni fejn il-ħlasijiet ta' għajjnuna agrikola li għandhom jiġi kkontrollati taħt din is-sistema ma jkunux ikkонтrollati jew ma jkunu kkontrollati b'mod tajjeb. Għaldaqstant, ikun jeżisti riskju serju li produtturi li mhumiex, totalment jew parżjalment, intitolati għall-ġħajjnuna agrikola jirċievu din l-ġħajjnuna, u b'hekk jitpoġġew f'pożizzjoni iktar favorevoli minn dik prevista mil-leġiżlazzjoni Komunitarja. Għal kull wieħed minn dawn l-Istati n-nefqa għal-ħlasijiet diretti u żvilupp rurali kkontrollati taħt l-IACS se tkun tammonta għal madwar 80% tan-nefqa agrikola totali u se tinvolvi ammonti sostanzjali ta' diversi mijiet ta' miljuni ta' euro, li turi l-importanza li l-IACS tkun tiffunzjona tajjeb għall-introduzzjoni tal-politika agrikola komuni fiż-żewġ pajjiżi u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-Kommunità, Hekk kif il-pożizzjoni iktar favorevoli flimkien mal-ammonti involuti x'aktarx li se jkollha effett fuq il-kummerċ ta' prodotti agrikoli fis-suq intern, din ser tikkawża riskju imminenti ta' ksur serju tal-funzjonament ta' dan is-suq.
- (6) Ir-riskju ma jistax jiġi indirizzat b'mod tajjeb bl-applikazzjoni biss tal-Artikoli 17 u 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni², meta titqies in-natura tas-sistemi u l-proċeduri previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet. Għalhekk huwa neċċessarju li jintuża l-Artikolu 37 tal-Att ta' Adeżjoni li jippermetti lill-Kummissjoni tieħu miżuri xierqa mmirati biex jeliminaw ir-riskju.
- (7) Wara l-adeżjoni, kemm il-Bulgarija kif ukoll ir-Rumanija għandhom, abbażi ta' rapport minn korp indipendenti, jagħmlu dikjarazzjoni lill-Kummissjoni fejn jistqarru jekk tkunx teżisti l-IACS tagħhom u jekk din tkun qed topera. F'każ ta' xi nuqqasijiet, dawn l-Istati għandhom jirrimedjaw in-nuqqasijiet minnufih.
- (8) Jekk il-Kummissjoni, abbażi tad-dikjarazzjoni magħmulha mill-Bulgarija jew mir-Rumanija jew ir-rapport mill-korp indipendenti, jew abbażi ta' dak li jirriżulta mill-verifikasi tagħha stess, tilħaq il-konkużjoni li jkunu jipperċi xi nuqqasijiet li huma tant serji li jaffetwaw il-funzjonament tajjeb tas-sistema ġenerali għall-ġestjoni u l-kontroll tal-infiq agrikolu kopert mill-IACS u li, għalhekk, ikun għad hemm riskju imminenti ta' ksur serju tal-funzjonament tas-suq intern, hija għandha tnaqqas b'mod proviżorju għal perjodu fiss ta' sena l-ħlasijiet ta' kull xahar u dawk intermedji li jridu jsiru lill-Bulgarija u lir-Rumanija taħt l-Artikolu 14 u 26 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005. It-naqqis proviżorju għandu jkun jikkorrispondi għall-persentaġġ li l-Kummissjoni tapplika skont il-linji ta' gwida tagħha fil-kuntest tal-verfika ta' konformità jekk is-sistema ta' kontroll ta' xi Stat Membru tkun defiċċienti b'mod serju u jkun hemm evidenza ta' irregolaritajiet li huma mifruxa. Tali tnaqqis proviżorju huwa meħtieġ biex iġiegħel lill-Istat ikkonċernat jirrimedja n-nuqqasijiet tal-IACS

² ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 320/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

tiegħu sabiex ma jħallix iseħħu jew biex jiskopri ħlasijiet irregolari u pratti qarrieqa u biex jirkupra kwalunkwe ammonti indebiti li jkunu ntefqu, u b'hekk jelimina ir-riskju ta' xi ksur serju tal-funzjonament tas-suq intern tal-Komunità.

- (9) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi wara 12-il xahar jekk tkomplix jew le bit-tnaqqis proviżorju tal-ħlasijiet ta' kull xahar jew intermedji.
- (10) It-tnaqqis proviżorju għandhu jiġi applikat biss fir-rigward ta' miżuri ta' għajjnuna li huma ġestiti u kkontrollati permezz tal-IACS.
- (11) It-tnaqqis proviżorju għandu jiġi segwit fil-kuntest tal-verifika ta' konformità msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu f'dak il-kuntest,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Sal-aħħar tat-tielet xahar wara l-adeżjoni, kemm il-Bulgarija kif ukoll ir-Rumanija għandhom jagħmlu dikjarazzjoni f'livell ministerjali lill-Kummissjoni li tiddikjara jekk:
 - (a) l-elementi tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, minn hawn 'il quddiem imsejħa IACS, imsemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ġewx stabbiliti b'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja relevanti, sal-punt li jkunu relatati mal-ġestjoni u l-kontroll tal-iskemi ta' għajjnuna applikabbi fil-Bulgarija u r-Rumanija;
 - (b) l-IACS u l-elementi oħra neċċesarji biex jiġi żgurat il-ħlas korrett tal-ġħajjnuna msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament humiex operattivi fi ħdan it-territorji rispettivi tagħhom.
2. Id-dikjarazzjoni prevista fil-paragrafu 1 għandha ssir abbażi ta' rapport stabbilit minn xi korp li għandu l-kompetenza neċċesarja u li huwa indipendenti mill-aġenzija tal-ħlas u l-korp ta' koordinament imsemmija, rispettivament, fl-Artikolu 6(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005. Kemm il-Bulgarija kif ukoll ir-Rumanija għandhom jinnominaw il-korp tagħhom li jfassal ir-rapport.

Ir-rapport għandu jesprimi opinjoni dwar jekk ir-rekwiżiti previsti fil-paragrafu 1 humiex issodisfati. Dan għandu jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni.

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu Deċiżjoni biex tnaqqas b'mod proviżorju l-ħlasijiet ta' kull xahar u dawk intermedji msemmija fl-Artikoli 14 u 26 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 b'25% jekk din tikkonkludi, jew abbażi tad-dikjarazzjoni jew ir-rapport imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament jew abbażi ta' dak li jirriżulta mill-verifikasi tagħha, u wara li tkun tat-l-opportunità lill-Istat Membru konċernat biex jibgħat il-kummenti tiegħu f'perjodu ta' żmien raġonevoli, li:

- (a) il-Bulgarija jew ir-Rumanija mhumiex konformi mal-obbligi tagħhom taħt l-Artikoli 1(1) and (2);
- (b) l-elementi msemmija fl-Artikolu 1(1)(a) ma ġewx stabbiliti;
- (c) minkejja li l-elementi msemmija fl-Artikolu 1(1)(a) ġew stabbiliti, l-IACS jew l-elementi oħra neċessarji biex jiżguraw il-ħlas korrett tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 3 għandhom nuqqasijiet tant serji li dawn jaffettwaw il-funzjonament tajeb tas-sistema ġenerali.

Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirrimedjaw b'mod immedjat kwalunkwe defiċjenzi identifikati.

2. It-tnaqqis proviżorju għandu jiġi applikat fir-rigward tal-ħlasijiet ta' kull xahar u dawk intermedji magħmula mill-1 ta' Diċembru 2007 sat-30 ta' Novembru 2008.
3. Il-Kummissjoni għandha testendi t-tnaqqis proviżorju għal perjodi ulterjuri ta' 12-il xahar jekk waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jibqgħu jiġu ssodisfati.
4. It-tnaqqis proviżorju għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe tnaqqis jew sospensjonijiet b'konformità mal-Artikoli 17 u 27 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

Artikolu 3

It-tnaqqis proviżorju previst fl-Artikolu 2 għandu jiġi applikat fir-rigward ta' għajjniet mogħti ja taħt il-miżuri li ġejjin:

- (a) l-ħajjnuna tranżitorja u ssimplifikata fid-dħul finanzjarju għal bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda prevista fl-Artikolu 143b tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew l-iskemi ta' għajjnuna msemmija fit-Titoli III u IV ta' dak ir-Regolament;
- (b) il-ħlasijiet nazzjonali diretti u komplementari previsti fl-Artikolu 143c tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, iffianżżati taħt is-subsezzjoni E tas-sezzjoni I tal-Anness VIII għall-Att ta' Adeżjoni;
- (c) il-pagamenti previsti fil-punti (i) sa (v) tal-Artikolu 36(a) u fil-punti (i) sa (v) tal-Artikolu 36(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005³ bl-eċċeżżoni ta' dawk relatati mal-miżuri msemmijin fl-Artikolu 39(5) ta' dak ir-Regolament u l-miżuri skont l-Artikolu 36(b)(i) u (iii) sa fejn huma kkonċernati l-ispejjeż ta' stabbiliment.

Artikolu 4

Kwalunkwe deċiżjoni meħuda abbażi ta' dan ir-Regolament jew l-assenza ta' tali deċiżjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-verifika ta' konformità msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

³

ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi suġġett għal u fid-data tad-dħul fis-seħħi tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Settembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni